# IT-TENUR NIKOLÒ BALDACCHINO



*Nicholas Vassallo D.Litt.*

Fost is-Siġġiwin magħrufa għandna bosta nies li għamlu isem għalihom u kisbu ġieh nazzjonali bil-kitba tagħhom. Għandna wkoll oħrajn li nisġu b'sengħa kbira ħsibijiethom fi vrus u taqbil li aktar ma tismagħhom jew taqrahom aktar tħossok titqanqal u tisseħħer bi ġmielhom. Fosthom, ta' min isemmi lil Karmenu Vassallo, lil patri Ġużè Delia u lil Pawlu Aquilina. Min minna ma jħossux kburi meta nisimgħu jindaqq u jitkanta l-innu tas-Siġġiewi "Raħal Twelidi" jew meta naqraw xi waħda mil-leġġendi ta' Patri Delia? M'hemmx dubju li kitbiethom huma għalina u għall-Maltin kollha wirt kulturali li jagħmel ġieħ lilhom, lilna u lil artna.

Iżda s-Siġġiewi għandu wkoll wild ieħor li jistħoqqlu l-ogħla ġieħ bħall-kittieba u l-poeti; wild li, għalkemm f'ħajtu kien magħruf kemm f'Malta kif ukoll f'bosta pajjiżi u kontinenti oħrajn, ismu llum m'għadux jissemma' daqshekk sikwit b'ħalma kien bejn is-snin għoxrin u ħamsin tas-seklu l-ieħor meta, l-aktar hawn Malta, ma kontx tiftaħ gazzetta li ma taqrax dwaru. Qed ngħid għal Nikola Baldacchino, tenur ta' fama internazzjonali, magħruf l-aktar bħala Nicolò għalkemm il-Qriema u s-Siġġiwin aktar kienu jafuh bħala Kolinu. Jista' jkun li l-fama tiegħu majnàt l-aktar minħabba li f'dawk is-snin ma kinetx ħaġa faċli li jsiru recordings ta' siltiet klassiċi u operistiċi. Infatti s'issa għad ma kellix xorti nsir naf b'xi CD jew recording tiegħu. Bil-ġmiel ta' leħnu saħħar 'il dawk kollha li kienu jħobbu l-opri u l-festi; faħħruh kotra kbira ta' gazzetti kemm Maltin kif ukoll barranin, bħalma għamlu wkoll il-BBC u stazzjonijiet tar-radju ta' bosta pajjiżi oħrajn.

Nicolò (kif kien iħobb jiffirma hu) twieled is-Siġġiewi fit-3 t'Ottubru 1895, bin it-tabib Ġakbu Baldacchino u Ġiuseppina Orland. Ta' età żgħira, aktarx meta kien għadu tarbija, il-familja tiegħu marret toqgħod Ħal Qormi peress li missieru kien nominat tabib tal-Gvern hemmekk .Sa minn ċkunitu missieru bagħtu jitħarreġ fil-vuċi taħt id-direzzjoni ta' Maestro Paolino Vassallo li, wara xi snin jistudja u jipprattika l-mużika f'Pariġi, waqqaf f'Malta konservatorju fejn trawmu bosta mill-mużiċisti Maltin tas-seklu għoxrin .Wara Baldacchino kompla jistudja taħt id-direzzjoni ta' Matteo Adernò, Maestro Kataniż. Minkejja li xi sorsi jsostnu li Baldacchino, bejn l-1917 u l-1921,

kien jistudja Milan, aktarx li għall-ewwel huwa studja Catania fejn Adernò kellu l-konservatorju. Infatti f'dik il-belt taħt Adernò tħarrġu wkoll it-tenuri Franco Lo Giudice u Giulio Crimi, it-tnejn minn Paternò qrib Catania. Adernò kien ukoll għalliem tas-sopran Sara Scuderi ukoll minn Catania fejn iddebuttat fit-Teatru Bellini fl-1925. L-istess sorsi jgħidulna li Nicolò, fil-fatt iddebutta fit-teatru (Regina) Margherita ta' Caltanissetta fejn interpreta l-parti ta' Edgardo f'*Lucia di Lammermoor* fl-1919. Il-ġurnali Sqallin kellhom kummenti mill-isbaħ għal Baldacchino għax, naturalment, kienu jqisuh bħala l-benjamin tagħhom. Għalhekk hemm ħafna x'juri li aktarx huwa mar u kompla jitħarreġ fil-*bel canto* f' Milan wara l-1921.

Sentejn wara insibuh Malta u mill-ewwel beda l-karriera tiegħu bil-kbir tant illi fl-istaġun 1921-22, interpreta partijiet importanti fl-opri: *Cavalleria Rusticana, Aida, Ernani, I Pagliacci, Carmen* u *Loreley* ta' Catalani; kollha xogħlijiet li jvarjaw mir-romantiċiżmu għall-veriżmu u għalhekk jinħtieġu ħila mill-aqwa kif ukoll vuċi melodika u soda. Madankollu għalkemm kien għadu fil-bidu tal-karriera, it-tenur Baldacchino bil-ġmiel ta' leħnu għaġġeb u saħħar għal warajh l-udjenza tat-Teatru Rjal minkejja li fil-cast miegħu kellu wkoll fost l-aqwa kantanti barranin. Kien staġun li fih Nicolò għamel isem – jekk dan kien meħtieġ – kemm mal-Maltin kif ukoll barra minn xtutna.

Minn hemm 'il quddiem l-unuri u l fama għal Baldacchino ma naqsu qatt. Kull darba li jkun ser ikanta fit-Teatru Rjal kien jiġbed udjenzi numerużi u jaqla' akklamazzjonijiet fit-tul hekk li fl-aħħar tal-istaġun operistiku d-direzzjoni tat-teatru ddeċidiet li ttella' serata apposta ad unur tiegħu, serata li qegħditu fuq l-ogħla pedistall minkejja l-età relativament żgħira tiegħu. B'hekk meta dik is-sena stess Nicolò reġa' lura Milan mill-ewwel kien skritturat biex ikanta fit-Teatru Nazzjonali ta' Ateni seba' opri differenti fosthom uħud mill-aktar impenjattivi bħal *Aida, Il Trovatore* u *Tosca.* It-tenur Baldacchino ma kien jaqta' qalbu minn xejn għax kien żgur minnu nnifsu: il-



lirika kienet ħajtu u kienet f'demmu; fuq kollox ma kienx imkabbar. Huwa kellu repertorju vast li kien jiġbed il-gosti ta' kulħadd; b'hekk kien imfittex mill-impreżarji tat-teatri.




Fis-snin ta' wara nsibuh ikanta fi Smirne u Istanbul, it-Turkija, u f'bosta bliet mal-Italja kollha -- minn Turin sa Venezja, minn Milan sa Reggio Calabria. Kien hemm ukoll drabi meta kien imsejjaħ biex, f'affari ta' ftit jiem jissostitwixxi xi tenur ieħor li minħabba mard ma setax jinterpreta l-parti, bħal meta f'Marzu tal-1923 ħa post il-prim tenur f'*La Forza del Destino*. L-għada, imbagħad, kanta parti ewlenija f'*Lucia di Lammermoor*. Iżda, bħalm'għedna, Nicolò Baldacchino dejjem ħareġ bl-unuri u qala' l-ogħla tifħir kemm mill-pubbliku kif ukoll mill-ġurnali għax barra milli kien tenur mill-aqwa kien ukoll attur diżinvolt; kien tassew ġentlom u umli. Nicolò ma kienx jagħmel għall-flus u għalhekk kien imfittex ħafna mid-diretturi ta' bosta teatri li, jgħidilna l-ħabib t'ibnu Ġużè Cardona, aktarx kienu jabbużaw mis-sens ta' ġenerożità u irġulija tiegħu .

Għall-aħħar tal-1924 reġa' lura Malta u mill-ġdid kien mitlub ikanta fit-Teatru Rjal, did-darba fl-opri *Andrea Chènier* u *Tosca*. B'hekk, minkejja l-kompetizzjoni ta' bosta kantanti liriċi barranin l-aktar Taljani, nistgħu ngħidu minn hemm 'il quddiem huwa ingħata post permanenti fit-Teatru Rjal fejn, wara ż-żwieġ tiegħu ma' Michelina Orland fl-1928, Nikol Baldacchino kanta għall-istaġun kollu 1928-29. Fl-istaġun ta' wara kompla żied opri oħrajn fir-repertorju tiegħu, fosthom *Gianni Schicchi* (li fiha interpreta żewġ partijiet differenti, it-tnejn ta' baritonu) u l-opra *Tanhauser*. It-tenur Baldacchino kien iħobb jimpika miegħu innifsu biex jitgħallem u jinterpreta partijiet ġodda li ma jkun kanta qatt qabel: xi sentejn wara kanta l-parti tal-prinċep Vasily Shuisky f'*Boris Godunov* tal-kompożitur Russu Mussorgsky u aktar tard ħa sehem f'*Il Piccolo Marat* ta' Mascagni.

Kien minħabba f'hekk li l-pubbliku tant kien jiġri warajh! F'Marzu 1940 kanta għall-aħħar darba fit-Teatru Rjal qabel ma t-teatru ġġarraf f'attakk mill-ajru f'April 1942.

Sadattant bosta Maltin li qatt ma kellhom ix-xorti jitgħaxxqu b'leħen it-tenur Baldacchino



*Mix-xellug, Oreste Chircop, Nicolò u Mro A. Muscat Azzopardi.*

fit-teatru, ħafna drabi kienu jimlew il-knejjes fil-jiem tal-festa tal-patrun jew patruna tagħhom, jistennewh ikanta l-antifona għax hu xejn ma kien jistmerr ikanta fil-festi tal-Maltin. Għalkemm mhux magħruf jekk Nicolò qattx kanta fil-festa ta' San Nikola, naħseb li ma setax jonqos li jkanta wkoll fil-festa ta' raħal twelidu f'ġieħ il-qaddis tiegħu. Baldacchino kien ukoll l-ewwel Malti li qatt kanta fuq il-BBC meta ntagħżel biex jieħu sehem f'kunċert li semgħuh ukoll bosta Maltin fuq ir-radju.

Meta mbagħad bdiet tinħass li ser tfaqqa' l-gwerra bejn Malta u l-Italja u għalhekk il-kantanti Taljani tal-opri nqatgħu għal kollox mit-Teatru Rjal, twaqqfet fi gżiritna l-Malta Amateur Theatrical Company (MATC). Baldacchino ingħata rwol daqstant ieħor importanti fil-qasam mużikali meta l-fundatur tal-MATC, Vinċenzo Bugeja, talbu jgħin iħarreġ lill-allievi; Bugeja għażlu wkoll bħala konsulent tiegħu u direttur tal-palk, xhieda qawwija tal-istima li Nikol Baldacchino kien igawdi fost l-elite tal-mużika f'Malta. Hawn tajjeb wieħed isemmi li din ma kinetx l-ewwel okkażjoni li hu għallem kantanti promettenti Maltin fil-lirika. Fis-snin tletin, meta ma kienx ikun impenjat fit-teatru, aktarx kont issibu jħarreġ fil-kant, fid-dar tiegħu il-Ħamrun, żgħażagħ imħajrin jaqbdu l-karriera tiegħu. Fost dawn insibu lit-tenur Oreste Chircop li, kull meta tkellem fuqu dejjem wera rikonoxximent lejh. Huwa stess jistqarr: "Jiena nista' ngħid li l-karriera tiegħi nafha l-ewwelnett lilu" għax kien proprju Nikol Baldacchino li skopra l-vuċi tiegħu. Daqstant ieħor iħossu kburi

wkoll it-tenur Paul Asciak li ta' 'l fuq minn sittin sena, mbagħad kellu x-xorti jħarreġ lil Joseph Calleja . Minn dan wieħed jista' jifhem kemm Nikola Baldacchino kien għalliem tajjeb u dedikat, kantant li t-talenti li rċieva hu qatt ma żammhom għalih iżda dejjem għażel li jgħaddihom lil ħaddieħor għax dejjem emmen li l-Maltin huma kapaċi daqs kull nazzjon oħra f'dan il qasam ukoll.

Wara li fis-Sena tal-Mużika l-Posta ta' Malta ħarġet bolla ddedikata lilu, ir-raħal tagħna wkoll, bħal Ħal-Qormi, semma triq għal Nicolò Baldacchino. Kien tassew jixraqlu għax it-tenur Baldacchino għolla l-ġieħ ta' raħalna u ta' Malta u ferraħ lil dawk kollha li semgħu leħnu. Iżda bħal donnu waqaf kollox hemm. Żgur li s-Siġġiwin jaqblu illi Nikol Baldacchino jixraqlu aħjar u lesti jikkonkorru bi ħġarhom biex lilu ukoll isirlu monument xieraq f'xi waħda mil-pjazez ewlenin tagħna. B'hekk il-ġenerazzjonijiet ta' warajna jibqgħu jgħożżu t-tifkira ta' wieħed minna li ħadem bis-sħiħ biex irawwem f'qalb u f'moħħ il-Maltin l-arti u l-kultura ta' żminijietu.

(Ħajr lis-Sur Joe Vella Bondin tat-tagħrif siewi kif ukoll tar-ritratt ta' Nicolò Baldacchino 30/4/22u lis-Sur Andrew Sapiano).

## TAGĦLIM TAL-MUŻIKA MINGĦAJR ĦLAS

Dawk il-ġenituri li jixtiequ jibagħtu lit-tfal tagħhom biex jitgħallmu l-mużika, teorija u prattika, jkellmuna sabiex sal-bidu ta' Settembru jkunu rreġistrati għand is-Segretarju tal-Każin.



Isem: .............................................. Kunjom: ..............................................

Indirizz: ..............................................................................................................

Età: ......................... Firma tal-ġenitur: ..................................................